DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 112/2008

tas-7 ta' Novembru 2008

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertfikazzjoni) u l-Anness XX (l-Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 26/2008 tal-14 ta' Marzu 2008 ([1]).

(2) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 106/2008 tas-26 ta' Settembru 2008 ([2]).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar gassijiet serra fluworinati ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 9a (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/205/KE) fil-Kapitolu XVII tal-Anness II għall-Ftehim:

"9b. **32006 R 0842**: Ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar gassijiet serra fluworinati (ĠU L 161, 14.6.2006, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

L-Artikolu 6 ma għandux jgħodd".

Artikolu 2

Dan il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 21ap (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/381/KE) tal-Anness XX tal-Ftehim:

"21aq. **32006 R 0842**: Ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar gassijiet serra fluworinati (ĠU L 161, 14.6.2006, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

L-Artikolu 6 ma għandux jgħodd'."

([1]) ĠU L 182, 10.7.2008, p. 15.
([2]) ĠU L 309, 20.11.2008, p.33.
([3]) ĠU L 161, 14.6.2006, p. 1.

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 842/2006 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li se jiġu Pubblikati fis-Suppliment ŻEE ta*l-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-8 ta' Novembru 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE ta' u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 7 ta' Novembru 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

L-A.S.T. Prinz Nikolaus von LIECHTENSTEIN

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.